KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 19**

Id-dsatax il laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |
| **SKUŻAT** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **ASSENTI** | Nicolai Gauci | Kunsillier |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. ***Tender dwar iż-Żamma u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi***
2. ***Tender dwar il-Ġbir ta' Bulky Refuse***

## 1. TENDER DWAR IŻ-ŻAMMA U MANUTENZJONI TAL-LATRINI PUBBLIĊI

1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku, infurmaw lill-membri tal-

Kunsill illi sar eżerċizzju mill-accountant tal-Kunsill dwar il-*cost price* ta' dan it-tender a bażi tal-ispejjes tal-pagi u taxxi relatati biss.
L-accountant, fl-ittra mhemuża bħala 'Dok A' mal-minuti qiegħed jikkalkula li l-*wage cost price* a bażi tal-*minimum wage* u taxxi relatati huwa dak ta' Eur37,407.

1.2 Għaldaqstant, il-Bord qabel li għandu jirrakkomanda l-għażla tal-irħas offerta fuq din il-*benchmark*.

Il-Bord filfatt irrakkomanda li tintgħazel l-offerta ta' 'Shantys Construction Ltd.' għal valur ta' Eur43,140.
Il-Kunsill qabel.

## 2. TENDER DWAR IL-ĠBIR TA' BULKY REFUSE

2.1 Is-Segretarju spjega kif waqt l-evalwazzjoni tal-offerti, il-Kumitat innota illi l-offerta ta' 'Dimbros Ltd.' ma kienetx tinkludi ir-rekwiċiti ta' Artikolu 6 tal-*ispecific conditions*, u voldieri, ma ġiex sottomess kopja tal-*log book* u ritratt tal-van li ser ikun qed jgħati is-servizz. Għaldaqstant, l-offerta ta' Dimbros Ltd. ġiet skwalifikata.

2.2 Il-Kumitat irrakkomanda li tintgħazel l-offerta ta' 'The Cleaning Consortium' għal valur ta' Eur5.50 kull bieb.

Il-Kunsill qabel.

Minuti approvati llum 27/01/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**